MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Numru. 1273/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa`)**
**vs**

**Raymond Camilleri ta’ 43-sena, bin Nicholas u Nicholina nee’ Gauci, imwieled Siggiewi fil-21 ta’ Frar, 1964, residenti fi 78, Triq ir-Rixtellu, Luqa u detentur ta’ karta ta’ l-identita` bin-numru 129364(M).**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra kontra l-imputat Raymond Camilleri u cioe’ talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi perjodu f’Jannar, 2006, weighed ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett , xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci tahmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna ohra, sabiex iggieghel lil din l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-dannu ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat u dan anke wara li l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikunsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamulha mill-imputat l-Qort ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontrea tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u jidher li ddispjacih ta' l-akkadut.  Inoltre l-imputat ghanu fedina penali kwazi netta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat li 121AA (1), 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni mghamula mill-imputat,  issibu hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kudizzjonata.

Il-Qorti finalment qed tordna l-konfiska tal-licenzja esebita bhala dokument AG4.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------